Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 19/2015/1

**Simon Peter Field [Passaport Brittaniku numru 515029345] (appellant)**

**vs**

**Chairman of the Malta Transfer of Residence Exemption Board, fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi (appellat)**

30 ta' Jannar, 2017.

Permezz ta' rikors prezentat fil-15 ta' April 2015 fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, l-appellant talab dikjarazzjoni sabiex ikun hemm ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni tal-vettura tieghu BMW328I minhabba trasferiment ta' residenza minn barra minn Malta.

Permezz ta' twegiba prezentata fit-13 ta' Mejju 2015, l-appellat iddikjara fost'affarijiet ohra li r-rikors promotur sar wara l-wiehed u ghoxrin (21) gurnata minn meta d-decizjoni giet pubblikata fil-website tal-Ministeru responsabbli ghall-Finanzi fit-termini tar-regolament 4(11) tal-L.S. 368.01.

Permezz ta' sentenza preliminari moghtija fis-26 ta' Jannar 2016, it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, laqa' t-tielet eccezzjoni tal-intimat u ddikjara li r-rikors intavolat hu null ghaliex prezentat *fuori termine*;

Illi minn din is-sentenza appella l-attur fejn hassu aggravat mid-decizjoni fejn l-aggravji jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi l-attur kien ircieva d-decizjoni ffirmata mill-ministeru fis-27 ta' Marzu 2015, minkejja li l-istess decizjoni kienet datata fid-9 ta' Marzu 2015, ghalhekk hallietu b'mizerjament *presso o poco* tlett ijiem biss biex isib assistenza legali sabiex ikun jista' jappella minn din id-decizjoni;

2. Illi l-attur ma kienx jaf illi d-decizjoni kellha tigi ppublikata fuq il-*website* tal-Ministeru tal-Finanzi, liema sistema lanqas hi ragonevoli, meta tikkunsidra li persuna tista' tkun mhux familjari mal-uzu tal-*internet*, specjalment meta l-persuna hija barranija, u barra minn hekk anqas wiehed ma jista' joqghod kull tant zmien

jiccekkja l-*website* kif appena t-tribunal stess billi jghid, *"Illi madankollu, dan it-Tribunal ma jistax ma jurix il-preokkupazzjoni tieghu li tali terminu jiskatta mill-pubblikazzjoni tad-decizjoni fuq website. Illi apparti li jista' jkun hawn xi individwi li m'humiex familjari mal-internet, wiehed ma jistax jippretendi li minn meta jissottometti l-applikazzjoni tieghu wiehed irid joqghod jiccekkja kuljum il-website tal-Ministeru biex jara kienx hemm xi decizjoni.";*

3. Illi l-attur kien ircieva karta mal-istess *envelope* illi fih ircieva d-decizjoni illi tispjega li l-appell ghandu jigi intavolat minn meta d-decizjoni tigi kkomunikata u mhux minn meta tigi ppublikata fuq il-*website.*

4. Illi r-ragunament kif wiehed, jibbaza ruhu fuq pubblikazzjoni ta' *website* bhala d-data effettiva li minnha jibda jiddekorri z-zmien preskrittiv u perentorju, ma taghmilx assolutament sens, meta fl-istess waqt il-legislatur jikkommetti ruhu fl-istess ligi, illi hemm il-bzonn li tali decizjoni tigi kkomunikata ufficcjalment ukoll permezz tal-posta registrata. Hija l-prassi ta' dawn il-Qrati tal-Gustizzja illi jaraw u jsegwu li permezz tal-ligi stess issir il-vera gustizzja mac-cittadin, u li f'kaz ta' xi dubbju dan dejjem imur favur ic-cittadin u mhux kontrih;

5. Illi l-ligi fir-regolament 4(7) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 tinkludi bhala parti mill-pubblikazzjoni li kopja tigi mibghuta lill-applikant u ghalhekk, dejjem skont l-istess attur, il-komunikazzjoni tapplika minn meta d-decizjoni tigi kkomunikata, igifieri minn meta Simon Peter Field ircieva l-ittra bid-decizjoni tal-Ministeru ffirmata;

Permezz ta' risposta (datata 7 ta' Marzu, 2016) l-intimat wiegeb illi mis-sub-regoli (11) u (7) johrog bic-car li d-decizjoni nnifisha hija dik pubblikata fil-*website* tal-Ministeru u li t-terminu ghall-appell jibda jiddekorri minn meta tali decizjoni nnifisha tkun giet hekk ppublikata u definittivament mhux minn meta kopja tal-istess decizjoni tintbghat bil-posta u fl-*email* personali ta' l-attur, apparti li tali kopji ntbghatu fl-istess gurnata tal-pubblikazzjoni tad-decizjoni fil-*website* tal-Ministeru;

Illi permezz tal-imsemmija sub-regoli, l-legislatur ghamilha iktar milli cara li t-terminu jibda jidekorri mid-data tal-pubblikazzjoni appuntu **sabiex jevita abbuzi min-nies bhall-attur stess li jippruvaw jevitaw in-notifika tal-kopja tad-decizjoni mibghuta bil-posta billi jonqsu milli jigbruha ghax ikunu diga' jafu bl-ezitu tal-istess publikazzjoni taghha fuq il-*website* tal-Ministeru kif ukoll mill-kopja mibghuta fl-*email* personali**;

Illi hareg ampjament car li l-argumenti sollevati mill-attur appellanti m'ghandhomx mis-sewwa, huma msejsa fuq vizjoni kompletament zbaljata tal-ligi u jmorru kontra kull sens ta' gustizzja tant li l-ebda qorti ma ddikjarat dak imtenni mill-appellant;

Illi jsegwi ghalhekk li galadarba t-terminu kif stabbilit taht ir-**regolament 4(11) tal-L.S. 368.01** ma giex osservat mill-appellant, it-Tribunal gustament ma setghax jilqa' l-appell intavolat minnu u dan mhux biss ghaliex tali terminu huwa wiehed perentorju izda ghax huwa wkoll wiehed ta' ordni pubbliku;

Illi dan l-appell ma huwa xejn hlief tentattiv ahhari sabiex tigi frustrata l-ezekuzzjoni tad-decizjoni ta' l-intimat li ormai hija finali u li ghalhekk ghandha titqies *cause finita*. Sabiex jiskansa ruhu minn din il-qaghda l-appellant kien jehtieglu jinterponi appell fit-terminu stipulat fir-**regolament 4(11) tal-L.S. 368.01**;

**<u>Fatti fil-Qosor.</u>**

1. L-appell jitratta l-kwistjoni dwar jekk ir-rikors promotur, prezentat fil-15 ta' April 2015 fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, sarx fit-terminu kontemplat mil-ligi.

2. Fl-20 ta' Jannar, 2015 il-Ministeru tal-Finanzi rceviet applikazzjoni ghall-ezenzjoni ta' vettura mit-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi.

3. It-talba ghal ezenzjoni tal-appellant giet rifjutata. F'dan ir-rigward it-Transfer of Residence Exemption Board baghat ittra lill-appellant datata 9 ta' Marzu 2015 fejn infurmah li, *"Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 440 of 2013 under rule 4(6)(a) which stipulates that the person shall produce sufficient proof that 'he has been residing outside Malta for a continuous period of at least twenty-four months immediately before his transfer of residence in Malta and that he is taking up residence in Malta. Furthermore, it was not sufficiently demonstrated that the vehicle category is an M1"*.

4. Fid-9 ta' Marzu, 2015 gie ppubblikat fuq il-website tal-Ministeru li l-applikazzjoni kienet michuda.

5. B'sentenza tas-26 ta' Jannar 2016, it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ddikjara li r-rikors intavolat mill-appellant null ghaliex pprezentat *fuori termine*.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

1. Id-disposizzjonijiet tal-ligi ewlenin applikabbli ghall-kaz odjern huma s-segwenti:

    a) Regolament 4(11) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 (*Regoli Dwar Ezenzjoni mit-Taxxa tar-Registrazzjoni Ta' Vetturi Bil-Mutur*), *"applikant li jhossu aggravat b'decizjoni tal-Bord jista' jappella lit-Tribunal skont id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva fi* ***zmien wiehed u***

***ghoxrin gurnata minn meta d-decizjoni tkun giet pubblikata kif provdut fis-subregola (7).***"

b) Subregolament (7) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 (*Regoli Dwar Ezenzjoni mit-Taxxa tar-Registrazzjoni Ta' Vetturi Bil-Mutur*), *"Applikazzjoni taht din ir-regola ghandha tigi processata u deciza mill-Bord u* ***d-decizjoni tal-Bord ghandha tigi pubblikata fuq il-website tal-Ministeru responsabbli ghall-Finanzi****. Il-Bord ghandu wkoll jibghat kopja ta' dik id-decizjoni bil-posta registrata lill-applikant fl-indirizz specifikat fl-applikazzjoni u, fejn provdut, ukoll b'mezzi elettronici."*

2. L-appellant isostni li kien fis-27 ta' Marzu 2015 li rcieva l-ittra datata 9 ta' Marzu, 2015. Pero' din baqghet biss dikjarazzjoni minghajr ma ressaq provi dwarha. Qal ukoll li, *"… rcieva karta mal-istess envelope illi fih ircieva d-decizjoni illi tispjega li l-appell ghandu jigi intavolat minn meta d-decizjoni tigi kkomunikata u mhux minn meta tigi ppubblikata fuq il-website"*. Ma saritx prova ta' dan. L-inqas li kellu jaghmel l-appellant hu li jipprezenta d-dokument. Haga li m'ghamilx.

3. It-Tribunal ma setax jiskarta dak li tghid il-ligi. Hu veru li fl-ittra tad-9 ta' Marzu 2015 jinghad li l-appell kellu jsir fi zmien 21 gurnata **mid-data tad-decizjoni**, u dan ma jirriflettix dak li tipprovdi l-ligi. It-terminu tal-appell jibda jiddekorri mid-data li d-decizjoni tigi ppubblikata fil-website tal-Ministeru tal-finanzi. M'hemmx kontestazzjoni li fid-9 ta' Marzu, 2015 id-decizjoni giet pubblikata fil-website. Il-perjodu li fih ghandu jsir appell ma jistax jigi mgedded jew varjat minn qorti. Dak hu terminu perentoju.

4. L-appellant jilmenta illi filwaqt illi l-ittra datata 9 ta' Marzu 2015 tindika li t-terminu tal-appell ta' wiehed u ghoxrin gurnata jiskatta mid-data tal-istess decizjoni, subregolament (7) jipprovdi li t-terminu tal-appell jiskatta minn meta d-decizjoni tigi pubblikata fuq il-*website* tal-Ministeru. Din id-diskrepanza giet rikonoxxuta mit-Tribunal izda f'dan il-kaz ma kellha l-ebda effett gialadarba d-data tal-pubblikazzjoni fil-website u d-data tal-ittra, huma l-istess.

5. Hu minnu li subregolamet (7) jezigi wkoll li l-Bord jibghat kopja tad-decizjoni lill-applikant, b'ittra registrata u fejn provdut, b'posta elettronika. Pero' din ma tidhirx li ghandha x'taqsam mal-pubblikazzjoni tad-decizjoni li mill-istess subregolament jidher li ssehh mal-pubblikazzjoni tad-decizjoni fuq il-website. L-appellant argumenta li gialadarba d-decizjoni trid tintbaghat lill-applikant, *"… il-pubblikazzjoni tibda tapplika minn meta d-decizjoni tigi kkomunikata"*. Il-qorti ma taqbilx. L-uniku pubblikazzjoni li ssemmi l-ligi hi pubblikazzjoni fil-webiste tal-Ministeru u xejn iktar.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.